# Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa

**kitba ta' Annie MENDES CORDEIRO**



Nistgħu ngħidu li l-aktar santwarju antik u għażiż f'Malta li hu ddedikat lill-Ommna Marija hu dak li jinsab fil-Mellieħa. Sa minn meta kont żgħira dejjem kelli ġibda speċjali lejn dan is-Santwarju, u dan għall-fatt li l-ġenituri tiegħi kellhom devozzjoni kbira lejn il-Madonna taħt dan it-titlu.

Ommi twieldet u trabbiet il-Mellieħa, għalhekk kull meta konna mmorru nżuru lil qrabatna fil-Mellieħa, kemm ommi kif ukoll missieri kienu jinkludu wkoll viżta lill-Madonna fis-Santwarju. Dan li qed nikteb, mhux xi studju profond fuq l-awtentiċità tax-Xbiha tal-Madonna hekk imsejjħa ta' San Luqa, iżda rrid biss nesprimi xi jfissru għalija s-Santwarju u x-Xbiha għażiża.



*Ix-Xbiha Mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa meqjuma fil-għar biswit is-Santwarju tagħha.*

L-ewwel tifkiriet tiegħi jeħduna fi żmien l-aħħar gwerra dinjija – speċjalment fl-1942, meta l-ħbit mill-ajru kien l-eħrex. Għalhekk il-ġenituri tiegħi ddeċidew li aħjar li lilna ż-żgħar fil-familja jeħduna għand waħda miz-żijiet, billi l-Mellieħa ma kinitx esposta għall-ħbit mill-ajru daqs il-Mosta. Dak iż-żmien kelli ħames snin, imma niftakar meta waslet l-aħbar li l-knisja tal-Mosta ġiet milquta mill-bomba tal-għadu, u li kienu waqgħu xi bombi oħra li kkaġunaw xi ħsarat fid-djar fil-qrib.





*Bolla li tfakkar il-mitt sena mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa li seħħet fl-24 ta' Settembru, 1899.*

Għal din l-aħbar ommi ma felħitx iżżomm fuq saqajha u bdiet titlob lill-Madonna tal-Mellieħa, għat-tliet ħuti l-kbar li kienu baqgħu l-Mosta. U kellha tassew għaliex tinkwieta, għax dak il-ħin tal-attakk (*air raid*) oħti Marija ta' 13-il sena kienet id-dar tagħna fejn waqgħet waħda mill-bombi żgħar. Imma din ġiet fuq in-nħa ta' wara tad-dar tagħna u għalhekk ma għamlitx ħsarat kbar. Oħti qatt ma kienet trid tinżel fix-xelter. Iż-żewġ ħuti subien - Karmenu ta' 16-il sena u Pawlu ta' 15 - fil-ħin tal-ħbit kienu ma' xi subien oħra fil-kampnar tal-knisja.

Meta spiċċat il-gwerra, ħuti telgħu l-Mellieħa bil-mixi biex jirringrazzjaw lill-Madonna talli ħellsithom mill-perikli f'dak iż-żmien tal-biża'. U ħafna familji u anki parroċċi għamlu l-istess hekk kif spiċċat il-gwerra, jiġifieri kienu jmorru pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Mellieħa bħala ringrazzjament tal-protezzjoni tagħha.

Din tal-pellegrinaġġi lejn dan is-Santwarju għażiż hija tradizzjoni antika ħafna. Ix-Xbiha għażiża tal-Madonna bil-Bambin f'dirgħajha, minn dejjem kienet meqjuma b'devozzjoni kbira minn missirijietna. Teħodna lura għal bosta sekli. Impittra ġewwa maqdes maqtugħ fil-blat, tixhed li tmur lura għal dawk iż-żminijiet meta l-ewwel insara kienu jfittxu għerien u jadattawhom għall-kult ta' twemminhom.

Fl-imgħoddi din il-pittura kienet attribwita lill-Evanġelista Luqa li tana l-ġrajja tan-nawfraġju li l-Appostlu Pawlu kellu fuq il-ġżira tagħna. Luqa tana deskrizzjoni sabiħa u ddettaljata ta' dan l-avveniment fl-aħħar kapitli tal-Atti tal-Appostli. Iżda llum nafu minn studji approfonditi, li din ix-xbiha għażiża ma

ħarġitx minn idejn l-Evanġelista Luqa, għax ma tmurx lura għall-ewwel seklu. Imma żgur li hi antika ħafna u maż-żmien il-ġrajjiet jitħalltu mal-leġġendi. L-istil ta' din ix-xbiha mpittra fuq il-ħajt tal-għar tixbaħ lil uħud mill-ikoni oħra f'diversi pajjiżi li wkoll ġew attribwiti lill-Evanġelista Luqa.

Fl-1436, l-Isqof Mello de Noto (1432-1445) għażel lis-Santwarju bħala knisja-parroċċa fin-naħa ta' fuq ta' Malta. Imma minħabba l-attakki ta' sikwit mill-furbani, il-bdiewa u s-sajjieda li kienu jgħixu f'dawk in-naħat, bdew jitilqu minn hemm u jfitttxu x'imkien 'il bogħod mill-perikli. Minkejja dan, is-Santwarju għażiż baqa' jiġbed nies twajba lejh.



Il-Bażilika ta' Nazaret li tfakkar it-Tħabbira tal-anġlu Gabrijel lil Marija li kellha tkun Omm Alla.

Aktar tard, speċjalment fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, il-Mellieħa bdiet tara żminijiet aħjar. Diversi kavallieri u wħud mill-Gran Mastri kellhom devozzjoni lejn din ix-xbiha għażiża. Il-Gran Mastru Jean de la Cassiere (1572-1581) żar u għen biex il-knisja ma tiġix abbandunata. Fil-bidu tas-seklu sbatax, il-Gran Mastru Alof de Wignacourt (1601-1622) kien ta' spiss nhar ta' Sibt iżur u jagħti qima lill-Ommna Marija ġewwa l-Mellieħa.

Il-Gran Mastru Raphael Cotoner (1660-1663) u ħuh Nicolas Cotoner (1663-1680) kellhom ukoll devozzjoni lejn din ix-xbiha għażiża u rregalaw diversi oġġetti prezzjużi lis-Santwarju. Wara marda serja, il-Gran Mastru Ramon Perellos y Roccaful (1697-1720) tela' l-Mellieħa biex jiżżi ħajr lill-Madonna li lilha kien jaf il-fejqan tiegħu, wara talb li kien sar għalih ma' Malta kollha. Hu wkoll ħalla offerta ta' lampier prezzjuż.

Barra mill-Gran Mastri, tista' tgħid li l-Isqfijiet kollha, f'xi żmien marru jżuru s-Santwarju, u bħalhom ukoll għamlu l-Inkwiżituri. Dawn il-persunaġġi kienu jiġu mill-palazzi tagħhom bil-karozzelli. Imma f'riġlejn il-Verġni Mbierka kienu jiġu wkoll missirijietna u jaslu mill-bogħod, rikbin fuq xi karettun, jew aktar ta' spiss, bil-mixi.

Xiehda ta' dan huma l-ħafna '*ex-voto*' li naraw fuq il-ħitan tas-sagrestija. Ħafna minn dawn kienu jingħataw wara xi ħelsien minn xi periklu, speċjalment fuq il-baħar, minn xi mard, u ta' spiss anki wara t-twelid ta' xi tarbija. '*Ex-voto*' li lili dejjem laqtitni hi dik 'ta' libsa ta' tarbija' - imħollija minn familja Franċiża minn Auxerre li għexet xi żmien f'Malta. U propju fid-29 t'April ta' din is-sena, fis-'Sunday Times', deher artiklu qasir dwar familja Ngliża minn Sheffield li spiss jiġu Malta u dejjem iżuru s-Santwarju tal-Madonna. Il-koppja Karen u Craig Browse llum għandhom żewġ ulied - Amelia u Max - u t-tobba kienu qalulhom li ma setgħux ikollhom tfal. Iżda huma jafu t-twelid ta' dawn l-ulied lill-Ommna Madonna tal-Mellieħa li lejha rrikorrew meta kienu Malta. Dan juri wkoll li din id-devozzjoni xterdet anki barra minn xtutna.

Meta fix-xogħol tiegħi ta' gwida jkolli xi grupp-pellegrinaġġ 'Fuq il-Passi ta' San Pawl', nagħmel mezz lil ninkludi s-Santwarju tal-Mellieħa fiż-żjarat għax inħoss li din id-devozzjoni teħodna lura sal-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu f'Malta. U għalhekk b'xi mod tgħaqqadna mal-ġrajja tan-nawfraġju providenzjali ta' San Pawl f'Malta.

Fiż-żmien meta kont naħdem l-aktar ma' gruppi Franċiżi, ta' spiss kien ikun hemm fosthom uħud ta' nisel Malti, u li kienu għexu parti minn ħajjithom fl-Alġerija u t-Tuneżija meta dawn il-pajjiżi kienu kolonji Franċiżi. Dawn it-turisti kienu jafu bit-tradizzjoni tax-Xbieħa għażiża tal-Madonna tal-Mellieħa. Dan minħabba li l-komunità Maltija fl-Afrika ta' Fuq fis-sekli dsatax u għoxrin, kienu jieħdu ħsiebha l-patrijiet Agostinjani Maltin li minn sekli qabel kellhom rabta mas-Santwarju tal-Madonna.



F'din il-Bażilika f'Nazaret insibu wkoll mużajk tal-Madonna tal-Mellieħa, li saret fl-1980, u mħallsa mill-Mellieħi Ġużeppi Fenech.

Hawn nixtieq insemmu wkoll li l-pellegrini Maltin li jżuru l-Art Imqaddsa, jifirħu meta jżuru l-Bażilika tat-Tħabbira tal-Anġlu lil Marija, ġewwa Nazaret. Hemm tara serje ta' xbihat tal-Madonna minn diversi pajjiżi tad-dinja u fosthom hemm ukoll mużajk tal-Madonna tal-Mellieħa. Din saret fl-1980, u ħallas għaliha l-benefattur Mellieħi Ġużeppi Fenech. Dan kien il-kontribut ta' Malta permezz tal-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa.



Il-Papa Ġwanni Pawlu II jagħmel żjara storika lis-Santwarju, nhar is-Sibt, 26 ta' Mejju, 1990. Hawn jidher qed jingħata tifkira tal-Madonna tal-Mellieħa mill-Kappillan ta' dak iż-żmien, il-Mosti Rev. Alfred Camilleri. Il-Papa kien sejjaħlu bħala "l-eqdem Santwarju Marjan" fil-gżira ta' Malta.

Ikollna ngħidu wkoll li l-pellegrinaġġi tal-Maltin lejn is-Santwarju għażiż tal-Madonna tal-Mellieħa ma għadhomx isiru ta' spiss bħal ma kienu jsiru fl-imgħoddi. Imma b'xorti tajba l-parroċċa tal-Mosta għadha tipparteċipa b'pellegrinaġġ li jsir fl-aħħar Sibt t'Awwissu. Dan jitmexxa minn Patri Ugolino Xerri, Franġiskan. Il-pellegrinaġġ jitlaq minn quddiem il-knisja Arċipretali tagħna fil-ħdax ta' bil-lejl u jasal il-Mellieħa ma' sbieħ il-Ħadd, fejn titqaddes quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna.

Nagħlaq billi nfakkar fiż-żjara storika lis-Santwarju tal-Madonna mill-mibki Papa Ġwanni Pawlu II, is-Sibt, 26 ta' Mejju, 1990. U li hu kien sejjaħlu "l-eqdem Santwarju Marjan" fil-gżira ta' Malta. Żgur li għall-Kappillan tal-Mellieħa ta' dak iż-żmien, il-Mosti Rev. Dun Alfred Camilleri, illum Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta, din iż-żjara tal-Papa tibqa' waħda mill-avvenimenti important ta' ħajtu. U bħalma jgħid il-Kan. Dun Alfred, is-Santwarju għażiż tal-Madonna tal-Mellieħa jixraqlu li jiġi pproklamat uffiċjalment bħala Santwarju Nazzjonali ta' Malta.

